MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2632/2002

**Mario u Lily konjugi Schembri**

**Vs**

**Albert u Jane konjugi Pullicino**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih talbu l-ammont ta' Lm575.00c (hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin) "jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan it-Tribunal" rapprezentanti l-valur ta' tlieta u ghoxrin (23) vjagg hamrija li l-konvenut ha mill-ghalqa proprjeta' ta' l-atturi.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn qalu li l-ammont mhux dovut stante li l-ftehim kien li l-konvenut Pullicino jhammel is-sit ta' l-atturi mill-hamrija minghajr hlas bil-patt li l-istess konvenut jiehu ghalih il-hamrija li huwa stess ikun eleva mis-sit in kwistjoni.

Il-konvenuti ressqu Kontro-Talba fejn talbu li jigu likwidati l-ispejjez inkorsi mill-konvenuti fil-vjaggi bir-rata ta’ Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) kull vjagg.

Illi l-atturi ressqu Risposta fejn qalu li l-vjaggi saru mill-konvenut ghal gwadann tieghu personali.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

L-attur xehed li ltaqa’ mal-konvenut u qallu biex inaddaflu kollox, jiehu l-hamrija u jtella’ l-hitan tas-sejjieh il-Mellieha. L-attur qal li l-ftehim kien li ma jhallsux tal-fatt li jnadafflu u bhala kumpens il-konvenut jiehu l-hamrija. Skond l-attur, Pullicino ha l-hamrija izda halla l-imbarazz fl-ghalqa. L-attur allura jghid li l-konvenut ghandu jhallsu l-valur tal-hamrija li hadlu.

Fil-kontro-ezami l-attur qal li l-konvenut kien qallu li l-hamrija ma kienetx tajba. L-attur qallu li seta’ jpoggiha lura.

L-attrici kkonfermat ix-xhieda ta’ l-attur.

Xehed ukoll Manwel Micallef li qal li l-valur tal-hamrija jiddependi fuq il-kwalita’ tal-hamrija. Jekk hi hamrija sabiha truck ta’ hmistax-il metru (15m) jiswa’ bejn Lm35.00c (hamsa u tletin lira Maltin) u Lm40.00c (erbghin lira Maltin) –il vjagg. Jekk hemm hafna gebel fil-hamrija l-valur huwa ta’ Lm10.00c (ghaxar liri Maltin) -it truck.

Il-konvenut Albert Pullicino qal li: “Konna ftehmna li jiena nnehhi l-hamrija minn fejn kienet u l-prezz tieghi tax-xoghol li nkun ghamilt kien li niehu l-hamrija.” L-konvenut qal li kellu jtella’ zewg vjaggi ta’ gebel fil-fond ta’ l-attur il-Mellieha. L-konvenut qal li kien ghadu ma tellax il-gebel ghaliex l-attur kien ghadu ma tahx struzzjonijiet biex itella’ l-gebel. Il-konvenut qal li hu kellu jnehhi l-hamrija u mhux li jnaddaf il-plot kompletament.

Jirrizulta li l-konvenut kellu jaghmel xi haga u bhala hlas kellu dritt li jiehu l-hamrija. L-konvenut ha l-hamrija izda skond l-attur m’ghamilx ix-xoghol miftiehem.

Anke l-konvenut jammetti li ghad fadallu xi xoghol li ghandu jaghmel.

It-talba ta' l-atturi ghalhekk ma tistghax tirnexxi.  L-atturi ma jistghux jippretendu li dan it-Tribunal ibiddel il-ftehim li kien hemm.  Jekk kien hemm ftehim li l-konvenut jaghmel xi xoghol u jithallas billi jiehu l-hamrija l-attur ma jistghax jippretendi li jirritorna lilu l-prezz tal-hamrija.

Illi l-Kontro-Talba wkoll ghandha tigi michuda billi l-ftehim kien li l-hlas lill-konvenut kellu jkun li jiehu l-hamrija u ma kienx hemm ftehim dwar l-ispejjez tieghu ghal dawn il-vjaggi.

Ghaldaqstant, jichad it-talba ta' l-atturi, jichad il-Kontro-Talba tal-konvenuti.  Kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------